SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

It-Tnejn u Għoxrin Laqgħa Pubblika tal-Kunsill Lokali San Ġiljan.

**1. Introduzzjoni**

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm il-wieħed u għoxrin Laqgħa Pubblika, skont kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2017 fis-6.30p.m.

1.02 Il-Laqgħa saret fil-Kulleġġ Santa Klara, Triq Lapsi, San Ġiljan.

1.03 **Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3))**

Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Clayton Luke Mula - Kunsillier

**Assenti:** (2) **–** Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Edgar Montanaro - Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana
Josianne Cutajar – Skrivana
Elizabeth Borg - Skrivana.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- 34

1.05 Iċ-Ċermen Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**1.2.01 Aġenda**

1.2.02 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-14 ta' Frar 2017.

L-Aġenda kienet hekk:-

1. Ftuħ mis-Sindku
2. Rapport Amministrattiv tax-Xogħolijiet
3. Pjan ta' Ħidma u Budget għas-sena 2017
4. Diskussjoni
5. Egħluq

1.2.03 Iċ-Ċermen ta' merħba lir-residenti li kienu preżenti u għarrafhom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

**1.3 Rapport Amministrattiv għas-sena 2016 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2017 (Budget/Business Plan).**

1.3.01 Iċ-Ċermen qara r-Rapport Amministrativ għas-sena 2016 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2017 (Budget/Business Plan) – Ara Appendiċi 'A'.

**2 Suġġerimenti / Ilmenti**

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn l-ilmenti:-

a) Is-Sinjura Golovko issuġġerit li jsir *dog bin* u sign ta' *clean up after your dog* ħdejn Covo D'Aquila, fi Triq Dun Anton Debono.

b) Is-Sinjura Anna Zahra ġibdet l-attenzjoni li l-ġnien quddiem il-Wembley għadu bla dawl u hemm il-ġnien mitluq, iċ-Ċermen nforma lill-pubbliku li matul il-ġimgħa d-dieħla ser jibdew xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq dan il-ġnien.

c) Is-Sur Zahra De Domenico –

1. Irringrazzja lill-Kunsill ta' rampa ġdida li saret. Filwaqt li nforma lill-Kunsill li hemm bżonn ta' aktar rampi:

    a. waħda fuq il-bankina taħt Balluta Buildings, rampa oħra fil-Pjazza tal-Balluta, rampa ħdejn *Prince of Wales* fi Triq Manwel Dimech u oħra fi Triq Manwel Dimech ħdejn il-BOV.

b. Huwa nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li jsiru wkoll junction boxes quddiem kull rampa sabiex ma jiġux ostakolati. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li hemm tabella li qegħda turi fejn qeda Le Meridien, din it-tabella qegħda baxxa u perikoluża għal min ikun għaddej.

d) Is-Sinjura Higgins – ġibdet l-attenzjoni ta' l-istat ħażin li hemm fi Triq il-Kbira faċċata tal-Barracuda. Iċ-Ċermen infurmaha li mill-ġimgħa d-dieħla ħa tibda tiġi rranġata l-bankina.

e) Is-Sur Lino Attard – il-bidla li saret fis-sistema tal-*One Way* fi Triq Claire E. Engel, huwa nforma lill-Kunsill li din qatt ma ġiet ikkunsidrata mar-residenti filwaqt li din qegħda perikoluża ħafna kif inhi fil-preżent.

f) Is-Sur Lino Spiteri – Huwa qajjem il-punt fir-rigward il-korrispondenza li kienet għaddeja bejnu, bejn il-Kunsill u t-Transport Malta fir-rigward li terġa tiġi ntrodotta r-Rotta 110. Huwa nforma lill-Kunsill li s'issa din ir-rotta għadha ma saritx, iċ-Ċermen offra lis-Sur Spiteri sabiex jerġa jiltaqa' miegħu ħalli jerġgħu jintbagħtu aktar *reminders*.

g) Is-Sinjura Carmen Spiteri – Infurmat lill-Kunsill li hemm tabella tal-*one way* mdawra f'Agostino Savelli u qegħda ta' periklu għas-sewwieqa.

h) Is-Sinjura Theresa Albanese – Hija qajmet il-punt fir-rigward it-Tower Cranes li hemm fi Triq Ġorġ Borġ Olivier u staqsiet lill-Kunsill jekk hemmx xi perjodu ta' kemm dawn it-Tower Cranes jistgħu jdumu on-site. Iċ-Ċermen informa lis-Sinjura Albanese li bħala perjodu m'hemmx sakemm m'għandhomx min-naħa tal-MEPA, huwa nfurma li ser jiċċekja kemm ser idumu hemmhekk.

i) Is-Sur Mark Pace – informa lill-Kunsill li madwar sena ilu kiteb lill-Kunsill li Pender Gardens ħadu parti mt-triq, madwar sena ilu telgħu *tower crane* u ħarġu ħajt li qiegħed ta' periklu speċjalment meta tkun ħiereġ minn Triq Ivo Muscat Azzopardi għal Regional Road. Iċ-Ċermen informa lis-Sur Pace, li l-Kunsill irċieva korrispondenza li bejn l-14 u 15 ta' Marzu 2017 ser jitneħħa t-tower crane li hemm filwaqt li l-ħajt li hemm ser jitneħħa wkoll.

j) Is-Sur Alex Pace Gouder –

1. Irringrazzja personalment lill-ħaddiem tal-IPSL għax-xogħol siewi li dejjem għamel ġewwa San Ġiljan.

2. Informa lill-Kunsill li mindu Triq il-Qalb Imqaddsa saret one way, ħafna mit-traffiku waqa' fuq Triq Birkirkara.

3. Issuġerixxa li Triq l-Arċisqof Romero terġa' ssir l-bankina minħabba li mhux qegħda fi stat tajjeb.

4. It-tindif ġewwa Paceville isir kuljum, filwaqt li f'postijiet bħal ir-Rampa ta' San Ġiljan u l-Balluta jiġu mnaddfa darbtejn fil-ġimgħa biss.

5. Wied tal-Balluta – Is-Sur Pace Gouder informa lill-Kunsill li ġewwa Triq Birkirkara ser isiru diversi żviluppi, fejn wieħed mill-iżviluppi li ser isiru qed jieħdu parti mill-wied, huwa saħaq li f' post bħal ma huwa San Ġiljan huwa ta' importanza li l-ftit ħdura li hawn tinżamm protetta minħabba li hawn ħafna nuqqas.

6. Siġar fil-lokalita' – huwa nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li jitħawwlu aktar siġar fil-lokalita', iċ-Ċermen informa lis-Sur Pace Gouder li bħalissa qed jitħawwlu diversi siġar madwar il-lokalita'.

7. Sinjali tat-Toroq u Tabelli – huwa nforma wkoll lill-Kunsill li r-road markings ġewwa Triq Birkirkara ċċaraw filwaqt li hemm bżonn li jeħlu tabelli bl-isem ta' Triq Birkirkara minħabba li ġewwa din it-triq ma turix minn fejn tibda Triq Birkirkara u sa fejn tispiċċa.

8. Kumitat tal-Ambjent – fl-aħħarnett informa lill-Kunsill li kellu jsir kumitat sabiex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb aktar l-Ambjent. Iċ-Ċermen informa lis-Sur Pace Gouder li din ġiet diskussa fil-laqgħa li għaddiet tal-Kunsill, fejn ġie deċiż li l-Kunsill ser javviċina diversi persuni biex jara jekk humiex interessati jagħmlu parti minn dan il-kumitat il-ġdid.

k) Mrs. Victoria Zahra De Domenico –

1. il-bankina ta' quddiem Le Meridien qeda perikoluża minħabba li hemm ħafna madum imkisser.

2. *Garbage bin* li hemm quddiem il-Bus Stop ta' ħdejn Le Meridien qiegħed eye-sore speċjalment għal min ikun qiegħed jistenna tal-linja.

3. Fi Triq il-Kbira fejn ir-railings ta' mal-baħar, hemm bżonn li jittieħed ħsieb il-ġebel minħabba li dan tmermer, kif ukoll it-taraġ li jagħti għall-bajja minħabba li dawn qegħdin

perikolużi. Iċ-Ċermen informa lis-Sinjura Zahra De Domenico li kif ġie spegat qabel dawn qegħdin imdaħħlin fil-proġett li ser isir min-naħa tal-*Malta Tourism Authority.*

l) Mrs. Marlene Scicluna – infurmat lill-Kunsill li għalkemm saru ic-CCTV's madwar il-*Bring in Sites* fil-lokalita', xorta waħda għadhom qed jitfgħu l-iskart madwarhom. Iċ-Ċermen informa lis-Sinjura Scicluna, li l-Kunsill qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex dan l-abbuż jitnaqqas. Hija ġiet infrumata li dawn il-*bring in sites* qegħdin jiġu mmoniterjati min-naħa tal-*Cleansing Service Directorate.*

m) Is-Sur Manuel Chetcuti – Huwa rringrazzja lill-Kunsill fir-rigward ir-*railings* li saru f'Telgħet San Ġiljan minħabba li kienu bżonjużi speċjalment għall-anzjani li jużaw din in-niżla.

n) Is-Sinjura Theresa Sammut –Irringrazjat lill-Kunsill tal-bozza li saret, filwaqt li nfurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li tiġi rranġata ħofra li hemm fi Sqaq Ciantar.

o) Is-Sur Spiridione Zahra – Huwa qajjem il-punt fir-rigward il-ħwienet li qed jokkupaw l-bankini u taht il-bankini bl-imwejjed u siġġijiet. Huwa ssuġġerixxa wkoll li matul il-ġranet tas-sajf isiru *mobile toilets* f'Xatt is-Sajjieda.

p) Is-Sur Freddie Cauchi – Huwa ssuġerixa li hemm bżonn isiru tabelli biex ma jinstaqux roti fuq il-bankina minħabba li dawn qed ikunu ta' periklu għall-pubbliku li jkunu għaddejjin minn fuq il-bankina. Is-Sur Cauchi ssuġerixa wkoll li hemm bżonn li titnaddaf il-Pjazza Wesgħet Ġuże Tanti minħabba li qed tkun maħmuġa ħafna. Iċ-Ċermen informa lis-Sur Cauchi li f' din il-parti ser isir monument ta' Ġuże Tanti u hemmhekk ser isir tisbiħ ta' l-area wkoll.

Wara diversi lmenti / suġġerimenti ċ-Ċermen irringrazzja lill-pubbliku ta' l-attendenza tagħhom u rringrazzja lis-Sindki ta' qabel li kienu preżenti fost l-udjenza l-Onor. Karl Gouder u s-Sur Peter Bonello.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |